MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru. 603/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Rose Mary Azzopardi bint Joseph Azzopardi u Carmela nee' Zammit,**
**imwielda fil-31 ta' Lulju, 1980 u residenti 24, Triq Sir Mikelangelo Refalo, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 17380(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Rose Mary Azzopardi li giet akkuzata talli nhar id-29 ta' Mejju, 2007, ghal habta ta' nofs inhar bhala l-persuna responsabbli

mill-fond kummercjali bl-isem Ewropa, fi Triq Sir Mikelangelo Refalo, Rabat, Ghawdex:

1) esponiet ghall-bejgh artikli barra l-post imsemmi b'tali mod li holqot ostaklu ghan-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi kif ukoll b'tali mod li eccedew 50 centimetru mill-istess bankina;

Rat l-imputazzjoni;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u senjatament l-Artikolu 13 ta; l-Avviz Legali 1/2006;

Billi ma ngabitx prova dwar il-licenzja li ghandha fil-pussess taghha l-imputata u cioe' jekk hija ghandhiex licenzja mahruga taht id-dispozizzjoni ta' dina l-ligi u kwindi tapplika ghaliha t-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 1/2006 jew licenzja tal-Pulizija;

L-akkuza ma tirrizultax pruvata u ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------